MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tat-2 ta' Frar, 2015

Numru. 848/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Bakhid Ibrahim Rashid**

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta` Bakhid Ibrahim Rashid detentur tal-karta tal-identita' numru 56586(A) li ġie mixli talli fl-10 t'Ottubru 2014 għall-ħabta tal-05:00 minn Triq id-Dragonara, San Ġiljan ikkommetta serq ta' mobile iPhone 5 għad-dannu ta' Hussainin

Mahmoud, liema serq huwa kwalifikat bil-ħin u bil-valur li jiswa' aktar minn €232.94 iżda mhux aktar minn €2329.37.

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti;

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma bil-ġurament tiegħu l-imputazzjoni kontra l-imputat matul is-seduta tal-10 ta' Settembru 2014.

Rat li matul l-istess seduta quddiem din il-Qorti diversament presjeduta waqt l-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali huwa wieġeb li huwa ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet il-provi prodotti;

Il-Qorti rat ukoll li matul seduta sussegwenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta, ċjoe dik miżmuma nhar is-17 ta' Novembru 2014 l-imputat stqarr li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu skont kif kien speċifika l-Uffiċjal Prosekutur;

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li f'każ ta' sejbien ta' ħtija l-Qorti setgħet timponi l-piena ta' priġunerija jew pieni oħra, u wara li tagħtu ftit taż-żmien sabiex anke jikkonsulta l-Avukat tiegħu u jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, fil-presenza tal-Avukat Frank Cassar huwa tenna l-ammissjoni tiegħu u wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu skont kif speċifikat mill-Uffiċjal Prosekutur;

Il-Qorti rat li l-imputat kien deċiż fid-deċiżjoni tiegħu li jammetti l-ħtija.

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, rat li tista' tgħaddi biex tgħati s-sentenza minnufih.

Peress li l-imputat ammetta l-imputazzjoni miġjuba kontrih, fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-Qorti tqis li din hija sodisfaċentement pruvata. Għalhekk, meta qieset kont taċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, il-Qorti ma tistax ħlief tiddikjarah ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu f'dan il-każ.

Rat ukoll il-verbal tagħha matul is-seduta tas-17 ta' Novembru 2014 fejn ordnat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex iħejji

rapport verbali ai termini tal-Artikoli 11 u 18 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li matul is-seduta tas-6 ta' Jannar 2015 Maryanne Żammit, Uffiċjal tal-Probation, ħalfet u ppreżentat ir-rapport verbali tagħha fejn ikkonkludiet li l-imputat ma kienx kandidat idoneju biex jippresta servizz fil-komunita, iżda li kien hemm ħtieġa li jingħata forma ta' superviżjoni minn naħa ta' Uffiċjal tal-Probation biex jgħinu jegħleb il-vizzju mill-abbuż tad-droga u xorb alkoħoliku.

Il-Qorti rat ukoll li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa indikat li l-imputat jitqiegħed taħt ordni ta' trattament sabiex ikun jista' jiġi mgħejjun jegħleb il-vizzju mill-abbuż tad-droga – u dan mhux biss fl-interess tal-istess imputat iżda wkoll tas-soċjeta Maltija li minnha illum l-imputat jagħmel parti u li fi ħdanha qiegħed jgħix.

**Decide : -**

Għaldaqstant, wara li rat l-Artikoli 261(c)(f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kodici Kriminali il-Qorti qegħda ssib lil Bakhid Ibrahim Rashid, fuq l-ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih; iżda peress li hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi jissussistu l-elementi rikjesti

mill-Liġi, ai termini tal-Artikolu 7(1)(2)(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' sentejn millum.

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista jingħata sentenza għar-reat li tiegħu instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni tat-trattament hawn fuq imsemmi u li ser jiġi sottopost għalih il-ħati.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation mogħti bid-Digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja uffiċjal tal-probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati.

L-Uffiċjal tal-*Probation* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Inoltre ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' trattament u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Trattament konrta l-abbuż mid-droga u xorb alkoħoliku u dan għal perjodu ta' sentejn millum.

Inoltre wara li rat l-Artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tordna wkoll lill-ħati sabiex iħallas lid-derubat Hassanin Mahmoud l-ammont ta' Euro 940 rappreżentanti l-valur tar-refurtiva f'dan il-każ u dan fi żmien sitt xhur millum.

***Mogħtija fil-Qrati tal-Ġustizzja, il-Belt Valletta, illum, 2 ta' Frar 2015***

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------